MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 419/2006

Il-Pulizija
(Spettur J. Borg)
Vs

Louis Borg

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta’ Novembru, 2006, ghall-habta tat-8.50 a.m., gewwa Triq Haz-Zabbar, Fgura, holoq attivita’ kummercjali li tinkludi l-bejgh ta’ vettura numru GAD-489 tal-ghamla Ford Sierra van ta’ kulur ahmar meta l-ebda vettura m’ghandha tintwera ghall-bejgh, ghat-tiswija jew inkella tinhasel f’xi parti mit-triq u/jew tkun ipparkjata f’post pubbliku ghall-hsieb li tkun esposta ghall-bejgh tal-vettura mmarkata bil-kliem “Ghall-bejgh” jew kull kliem (99464998) li tkun tindika l-intenzjoni ndikata hawn qabel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru, (Sic!) 2006, li biha, wara li rat ir-Regolament 13 u t-tieni skeda tal-Avviz Legali numru 1 tal-2006, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta’ Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Louis Borg ghal twiddiba, w minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li s-sentenza traskritta iggib id-data zbaljata tal-14 ta’ Novembru, 2006, meta kemm l-original tas-sentenza a fol. 1 u l-verbali jindikaw li d-data korretta hija l-14 ta’ Dicembru, 2006, kif ukoll il-verbal tal-partijiet li bih qablu li din il-Qorti ghandha tistrieh fuq id-data korretta li tidher fl-original tas-sentenza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni irrimettiet ruha dwar il-kwantita’ tal-ammenda.

Rat il-verbal tal-lum li bih id-difiza aderiet mar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pero’ ssottometiet li l-piena ghandha tkun fil-minimu.

Ikkonsidrat;

Illi bhala fatt il-ligi specjali li tikkontempla dan ir-reat tikkontempla piena ta’ ammenda ta’ mhux inqas minn hamsin lira Maltin (LM50) u mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (LM500) u konsegwentement il-piena ghal kontravvenzjonijiet ta’ ammonizzjoni u reprensjoni mhix applikabbli f’dan il-kaz.

Illi l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda ragunijiet specjali u straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kienu

jintitolawha li tinzel taht il-minimu prekritt mill-ligi. Konsegwentement il-piena li giet erogata mhix wahda kontemplata mill-ligi w ghalhekk hemm lok ghar-riforma tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-ammonizzjoni u reprensjoni w minflok tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsin lira Maltin (LM50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------